**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 15 ta' Jannar 2025

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Alin Dan Ciocan**
***Omissis***

Kawża numru 993/2024 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Alin Dan Ciocan,** imwieled ir-Rumanija fit-tmintax (18) ta' Ġunju tas-sena elf disa` mija u sebgħa u tmenin (1987) u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0052674A, akkużat talli:

1. F'xi ħin bejn is-sitta (6) ta' Novembru u s-sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa 95, Triq San Pawl il-Baħar, San Pawl il-Baħar, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti u/jew flus minn vettura liema serq hu kwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-ħin u bil-valur liema serq tal-ħaġa misruqa li ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) liema serq sar għad-dannu ta' Khorava Akaki u Helen Shedden u/jew persuna/I oħra u/jew entita`/entitajiet oħra;
2. Talli fis-sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Daves Supermarket, Triq il-Kaħli, San Pawl il-Baħar, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin għall-ħabta ta' bejn in-nofsiegha (00:30) ta' filgħodu u l-erbgħa (4:00) ta' filgħodu bi ħsieb li jikkommetti serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq kieku ġie esegwit kien ikun kwalifikat bil-ħin wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tat-tali delitti, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu, tali serq kien se jsir għad-detriment ta' Khorana Akaki u Helen Shedden u/jew persuna u/jew persuni oħra;

3. Talli nhar is-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra tal-gżejjer Maltin xjentement laqa` għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat;
4. Talli fis-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Fresh Harvest, Mosta Road, San Pawl il-Bahar u/jew fi bnadi oħra fil-Ġzejjer Maltin bi ħsieb li jikkommetti serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq kieku ġie esegwit kien ikun kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tat-tali delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu, tali serq kien se jsir għad-detriment ta' Karoly Ventzl u/jew persuna u/jew persuni oħra;
5. U talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi sab ħwejjeġ li kienu naqsu lil xi persuna jew li din tkun tilfet, ma għarrafx bihom fi tlett ijiem lil Pulizija Eżekuttiva;
6. Talli fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u/jew fil-ġranet, fix-xhur u fis-snin ta' qabel, ġewwa 40C, St. Rita, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, u/jew fi bnadi oħra tal-Gżejjer Maltin, meta huwa fid-dmir li jieħu ħsieb ta' tfal, jew ta' persuni oħra li ma jkunux kapaċi li jieħdu ħsieb tagħhom infushom, naqas li jieħu ħsieb kif jinħtieġ ta' dawn it-tfal jew persuni oħra;

U aktar talli b'diversi atti magħmulin minnu ukoll fi ġranet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, dana:

7. Fid-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u/jew fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel ġewwa Greens Supermarket, Triq l-Ibraġġ, Swieqi u/jew ġewwa bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa kwalifikat bil-valur tal-ħaġa misruqa li ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) liema serq sar għad-danni ta' Greens Supermarket u/jew entita/entitajiet oħra u/jew ta' Karim Rayouf u/jew persuna/i oħra;
8. Talli fit-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u/jew fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel ġewwa Greens Supermarket, Triq l-Ibraġġ, Swieqi u/jew ġewwa bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin u bil-valur tal-ħaġa misruqa li ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) liema serq sar għad-danni ta' Greens Supermarket u/jew entita/entitajiet oħra u/jew ta' Karim Rayouf u/jew persuna/i oħra;
9. Talli nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel bħala detentur ta' document tal-identita naqas milli jirraporta lill-uffiċjal awtorizzat, li waħda mill-partikolarijiet jew xi tagħrif ieħor li jkun jinsab f'dan id-dokument tal-identita ma jkunx jew ma jibqax aktar korrett;
10. Talli fl-istess żminijiet, postijiet, ħinijiet u ċirkostanzi, irrenda reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi tħaddem kontra l-ħatja d-disposizzjonijiet tal-artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-artikolu 15A u kull artikolu ieħor tal-Kodiċi Kriminali li jiżgura kumpens lill-vittmi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Rat illi waqt is-seduta tas-27 Diċembru 2024 l-imputat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tagħha u interpretu, irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti avżatu bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġgħa tikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tiegħu u jerġgħu lura minnha.

Semgħet it-trattazzjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

**Ikkonsidrat**

Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu.

Fir-rigward tal-piena, il-partijiet qablu li l-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi tkun ta' tlett snin priġunerija biex tirrifletti l-fatt li l-imputat huwa reċediv u li diġa nstab ħati tar-reat ta' serq, oltre l-imposizzjoni ta' multa fir-rigward tad-disa` imputazzjoni u ordni ta' restituzzjoni favur il-vittmi.

Wara li rat l-atti kollha u qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ il-Qorti taqbel mal-partijiet illi din tkun l-aktar piena idoneja. Peress illi dan mhuwiex l-ewwel sejbien ta' ħtija ta' reat ta' serq għall-imputat, skont il-liġi huwa ma jistax jingħata piena minima, li jfisser ukoll għalhekk illi l-piena trid tiġi komputata b'tali mod li tkun tinkludi minn tal-inqas terz tad-differenza bejn il-piena minima u l-piena massima stabbilita mill-liġi. Flimkien ma' dan il-Qorti trid tieħu wkoll in konsiderazzjoni l-ammissjoni pjuttost bikrija tal-imputat u l-kooperazzjoni tiegħu mal-pulizija. Għalhekk il-Qorti tqis li l-piena suġġerita mill-partijiet hija l-iktar waħda idoneja fiċ-ċirkostanzi. Inoltre, l-Qorti ser tagħmel ordni għar-restituzzjoni favur il-vittma biex jiġi assigurat li l-vittmi tar-reati kommessi mill-imputat jiġu riżarċiti għad-dannu kkawżat minnu u soffert minnhom.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), (f) u (g), 267, 270, 271, 279(a), 280, 281, 41, 281(1), 334, 41(1), 271(g), 340(c), 339(j), 280(1), 19(1) 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 24 tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal piena ta' tlett (3) snin priġunerija u l-ħlas ta' multa ta' elf ewro (€1,000) li tista' titħallas permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' tletin ewro (€30).

Ai termini tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti tordna lill-imputat sabiex iħallas, fi żmien sena mill-llum:

i. lil Khorava Akaki u Helen Shedden is-somma ta' elf u ħamsa u sebgħin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€1,075.37) u
ii. lil Greens Supermarket is-somma ta' disa` mija u tlieta u ħamsin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€953.54).

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Ann Marie Thake**
Maġistrat

**Ylenia Spiteri**
Deputat Reġistratur